**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 4/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Mario Vella)**
**vs**
**Mark Agius**

**Illum 14 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

Preżentat lill;

**Mark Agius, iben Edward u Calcednonia xebba Cauchi, imwieled nhar it-3 ta' Novembru 1973 ġewwa San Ġiljan u resident ġewwa l-fond Sunshine, Flat 1, Triq il-Ħuttaf, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bi numru 487573M.**

**Akkużat talli:**

Nhar it-3 ta' Novembru 2020, għal ħabta ta' 20:30 ta' filgħaxija, ġewwa Triq il-Ħuttaf, Mosta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioe' ħebb fiżikament lil George Morris Samhon liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. Alec Mifsud, detentur tan-numru tar-reġistru mediku 3421 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil George Morris Samhon.

Rat id-dokumenti tal-kawża;

Rat l-atti kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 5 ta' Novembru 2024 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fedina penali tiegħu u ma tħossx li l-imputat għandu jirċievi piena karċerarja effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 214, 215, 216 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu tapplika fil-konfront tiegħu l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**